Nru./No. 21,539
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Is-Sibt, 15 ta' Novembru, 2025
Saturday, 15th November, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 15,441
Proclamation by the President of Malta *15,441*

Avviżi tal-Pulizija 15,442
Police Notices *15,442*

Avviżi tal-Qorti ..... 15,442 - 15,444
Court Notices ..... *15,442 - 15,444*

Anno Domini 2025 Nru. VI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) Helena Dalli
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President għal xi raġuni ma tkunx tista' taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha b'din il-Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija indisposta u mhijiex f'pożizzjoni li taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha b'din il-Kostituzzjoni;

U BILLI fil-15 ta' Novembru, 2025, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun indisposta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, HELENA DALLI, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, il-Belt Valletta, illum il-15 ta' Novembru, 2025.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2025 No. VI

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd) Helena Dalli
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is for any reason unable to perform the functions conferred upon her by this Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is indisposed and is unable to perform the functions conferred upon her by the Constitution;

AND WHEREAS on the 15th day of November, 2025, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is indisposed;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, HELENA DALLI, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 15th day of November, 2025.

By Authority,

(Sd) Robert Abela
Prime Minister

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 254

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2025, mis-7.00 a.m. sal-10.30 a.m., mill-ewwel żewġ spazji ta' parkeġġ mill-bieb tal-garaxx aktar 'l isfel maġenb l-Iskola ta' Saint Benild fi Triq il-Knisja.

Il-Gżira

Nhar il-Erbgħa, 24 ta' Diċembru, 2025, mit-3.15 p.m. sas-6.45 p.m., mill-erba' spazji ta' parkeġġ quddiem il-Kappella tar-Redentur fi Triq San Albert.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Novembru, 2025

POLICE NOTICE

No. 254

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 19th December, 2025, from 7.00 a.m. to 10.30 a.m., through the first two parking spaces by the garage door further down next to Saint Benild School in Triq il-Knisja.

Gżira

On Wednesday, 24th December, 2025, from 3.15 p.m. to 6.45 p.m., through the four parking spaces in front of the Redeemer's Chapel in Triq San Albert.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

15th November, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2865

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Novembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 707/2025AD, fl-ismijiet: Eugenio Grech vs Salvatore Grech, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Eugenio Grech (666358M) vs Salvatore Grech (672148M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Salvatore Grech qiegħed jokkupa l-fond ossija magħrufa bin-numru uffiċjali 37, Ekke, Triq Carmelo Carabott, Iż-Żejtun, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th November, 2025, in the records of the Sworn application number 707/2025AD, in the names: Eugenio Grech vs Salvatore Grech, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Eugenio Grech (666358M) vs Salvatore Grech (672148M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 9th July, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide this cause without proceeding to a hearing for the purposes of Article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondent Salvatore Grech is occupying the premises or rather known with official number 37, Ekke, Triq Carmelo Carabott, Żejtun, without any valid title at law;

3. Konsegwentement, tordna lill-intimat Salvatore Grech jiżgombra l-fond ossija magħrufa bin-numru uffiċjali 37, Ekke, Triq Carmelo Carabott, Iż-Żejtun, u jirriprestinah fl-istat oriġinali ta' kif kien;

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 707/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Novembru, 2025, fl-10.05 a.m.

Notifika Intimat: Salvatore Grech (672148M), Block P, Flat 4, Dawret Ħal Tmiem, Iż-Żejtun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Consequently, order the respondent Salvatore Grech to vacate the premises or rather known with official number 37, Ekke, Triq Carmelo Carabott, Żejtun, and reproduce it in its original state;

With all costs and legal interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 707/2025AD in the names mentioned above is postponed to 27th November, 2025, at 10.05 a.m.

Notification respondent: Salvatore Grech (672148M), Block P, Flat 4, Dawret Ħal Tmiem, Żejtun

Registry of the Superior Courts, today 13th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2866

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Rose Vella Haber vs Ahmed Abdulgani, Rikors numru 253/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ahmed Abdulgani a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Rose Vella Haber (Ki 332152M) vs Ahmed Abdulgani (Passaport Grieg numru AA6581248) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-7 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrenti Mary Rose Vella Haber talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna lill-intimjat sabiex jivvaka mill-fond numru 41, Gloria Flats, Numru 3, Vjal Sir Paul Boffa, Paola, u dan b'seħħ immedjat;

3. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' €4699.64 rappreżentanti arretrati ta' kera u arretrati ta' dawl u ilma, jew kwalsijasi somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn dan il-Bord; u

4. Jikkundanna u jordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma globali ta' €4699.64 jew tali somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn dan il-Bord.

Bl-imgħax legali relattiv sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

By means of a decree of the 7th October, 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Rose Vella Haber VS Ahmed Abdulgani, Application number 253/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Ahmed Abdulgani in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Mary Rose Vella Haber (ID 332152M) vs Ahmed Abdulgani (Greek Passport WAA6581248) filed before the Rent Regulation Board, on the 7th August, 2025, the applicant Mary Rose Vella Haber requested this Honourable Board to:

1. Decide this cause without proceeding to trail in terms of Article 16A of Cap 69 of the Laws of Malta;

2. Order the respondent to vacate the premises number 41, Gloria Flats, Number 3, Vjal Sir Paul Boffa, Paola, and this with immediate effect;

3. Declare that the respondent is a debtor of the applicant in the global sum of €4699.64 representing arrears of rent and arrears of water and electricity, or any other correct sum which shall be liquidated by this Board; and

4. Condemn and order the respondent to pay the applicant, the said global sum of €4699.64 or such other correct sum that shall be liquidated by this Board.

With relative legal interest till the date of effective payment and with all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Rikorrent: Il-Musbieħ, Sqaq, Numru 2, Triq il-Kulleġġ, Ir-Rabat RBT 1421, Malta

Notifika intimat: 41, Gloria Flats, Numru 3, Vjal Sir Paul Boffa, Paola

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Rose Vella Haber vs Ahmed Abdulgani, Rikors numru 253/2025JG, jinsab differit għall-5 ta' Diċembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Il-Musbieħ, Sqaq, Numru 2, Triq il-Kulleġġ, Rabat RBT 1421, Malta

Notification respondent: 41, Gloria Flats, Number 3, Vjal Sir Paul Boffa, Paola

The application in the names Mary Rose Vella Haber vs Ahmed Abdulgani, Application number 253/2025JG, has been postponed for hearing to the 5th December, 2025, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 14th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2867

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 451/2025AGV fl-ismijiet Charlene Seychell vs Noel Camilleri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Noel Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Charlene Seychell (KI 45397M) vs Noel Camilleri (KI 15595M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat umru 451/2025AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrenti Charlene Seychell talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 66B, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Il-kawża fl-ismijiet Charlene Seychell vs Noel Camilleri (Rikors numru 451/2025AGV) hija differita għall-1 ta' Diċembru,2025, fid-9.45 a.m.

Esponenti: 94, La Granadilla, Saint Francis Street, Ħal Tarxien

Notifika intimat: Ta' Marie, Flat 10, Triq Ċensu Busuttil Il-Fgura

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th Ottubru, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Charlene Seychell vs Noel Camilleri, Application number 451/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Noel Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 451/2025AGV in the names Charlene Seychell (ID 45397M) vs Noel Camilleri (ID 15595M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 22nd September, 2025, the applicant Charlene Seychell requested this Honourable Court so that in terms of Article 66B, Cap. 16 of the Laws of Malta pronounce the divorce between the parties as contemplated in the said Article 66C.

The application in the names Charlene Seychell vs Noel Camilleri, Application number 451/2025AGV, has been postponed for hearing to the 1st December, 2025, at 9.45 a.m.

Applicant: 94, La Granadilla, Saint Francis Street, Ħal Tarxien

Notification respondent: Ta' Marie, Flat 10, Triq Ċensu Busuttil, Fgura

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603